Minuti tal-Laqgħa Nru. 37 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar it-Tlieta, 28 t' April 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sinjorina. Christina Sammut |
| Skużata | Is-Sur. Christian Falzon |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2. Aġġornament

**1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku beda l-laqgħa billi ferāħ lill-dawk il-Kunsilliera li kienu reġgħu ikkontestaw l-elezzjoni u kienu ikkonfermati fil-Kunsill. Huwa minn naħa l-oħra rringrazzja lill-Kunsilliera li ma kinux ikkontestaw għall ħidma li kienu taw waqt il-leġislatura. Lill-dawk il-Kunsilliera li reġgħu ikkontestaw huwa emfasiżża li jridu jonoraw il-ġurament li huma se jkunu qed jieħdu bħala Kunsilliera. Huwa semma li lill-Kunsillier Caruana u lill-Kunsilliera Massa kien se jsejħilhom biex ikellimhom fuq id-dekasteri li se jkollhom.

1.2 Il-Viċi Sindku irringrazzja lill-Kunsilliera u lis-Sindku tal-ħidma li kellhom flimkien u tal-koperazzjoni li huwa kien sab waqt il-leġislatura.

1.3 Il-Kunsillier Caruana qal li fuq punt 1.4 din kellha issir għall dawk il-vetturi li jużaw l-inħawi. Huwa qal ukoll li fuq punt 1.8 il-pjanta hija tar-Roads Department.

1.4 Is-Segretarju qal li għalkemm ma kienx hemm preżenti l-Kunsillier Falzon huwa kien kellmu fuq il-minuti fejn qallu li huwa kien jaqbel mal-mod ta kif issa ġew koretti.

1.5 Il-Kunsillier Camilleri kien qal li huwa kien jastjeni mill-pagamenti peress li din issa hija xi ħaġa li tirrigwarda l-leġislatura li jmiss. Il-Viċi Sindku qal li huwa bħala Kunsillier li kien għadu parti minn leġislatura li qed taħdem bħalissa kellu jerfa r-responsabilta mistennija.

**2.0 AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 28 t' April 2015 fis-6.15 pm. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________ 2015.

______________________ ______________________

John Schembri
Sindku

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv